MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 720/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**MATILDE MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Matilde Mifsud ta’ 22 sena, bin Mario Vassallo u Julia nee’ Scicluna, mwielda Pieta’ nhar is- 26 ta’ Lulju 1986, residenti fil- fond numru 48, Triq Ta’ Brija, Siggiewi u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 341286(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fis- 27 ta’ April 2009 f’xi hin gewwa dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l- Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemen l- ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ madwar €618 ghad- dannu ta’ Connie Anne Bugeja;

2) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi serqet l- ammont ta’ €618 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

3) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta’ Connie Ann Bugeja ghamlet xi qliegh b’qerq;

4) u aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi serqet credit card ghad- dannu ta’ Connie Ann Bugeja;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputata, tal-fedina penali netta taghha, kif ukoll tal-fatt li l-ammont derubat

gie restitwit ghal kollox, il-Qorti sejra tkun klementi mal-imputata fir-rigward tal-piena. Ghalkemm hemm erba' imputazzjonijiet, essenzjalment ir-reat kien wiehed, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment tar-reati fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 261, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------